MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 134/2005

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-attrici u l-konvenut izzewgu fil-11 ta' Dicembru, 1994 u minn dan iz-zwieg twieldet tifla D E ta' sitt (6) snin;

Premess illi l-konvenut irrenda ruhu hati ta' vjolenza fizika u morali, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi fil-konfront ta' l-attrici anki quddiem il-minuri u peress illi ghalhekk giet reza impossibli l-hajja konjugali bejniethom u z-zwieg tkisser irrimedjabilment tant illi l-konvenut ilu li

abbanduna d-dar matrimonjali sa minn Dicembru tas-sena 2004;

Premess illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) li jgib in-numru 328/2005 (Kopja annessa mmarkata Dok. CP1) u dan wara diversi tentattivi da parti ta' l-attrici ghal aktar minn sena sabiex il-partijiet jaslu ghal separazzjoni bonarja, liema tentattivi izda kienu qed jigu assolutament injorati da parti tal-konvenut li ghal xhur shah lanqas biss seta jigi rintraccat;

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B minhabba vjolenza fizika u morali, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi li l-istess konvenut ikkommetta kontra martu;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri D E f' idejn l-attrici;

3. Tiffissa somma adegwata ghall-manteniment tal-attrici u ghall-manteniment, sahha u edukazzjoni tal-minuri u tordna sabiex din is-somma tithallas mill-konvenut;

4. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut iddekada mid-dritt tieghu ta' manteniment;

5. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f' zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali li jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, occorrendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

6. Tillikwida l-assi parafernali ta' l-attrici u tassenja l-istess assi lill-attrici;

7. Tiddikjara li l-attrici ghandha d-dritt li tirrisjedi flimkien ma' bintha fid-dar konjugali proprjeta' parafernali

ta' l-attrici u cioe' fil-fond numru 37, Gaudi, Flat 2, William Baker Street, Gudja b' eskluzjoni tal-konvenut;

8. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;

9. Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe' Mangion;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici, il-lista tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa' kontumaci; u d-decizjoni[1] moghtija fit-23 ta' Novembru 2006 li permezz taghha din il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenut ghall-purgazzjoni tal-kontumacja tieghu;

Rat li permezz ta' rikors guramentat[2] fl-ismijiet inversi l-konvenut, fil-kawza odjerna, talab is-separazzjoni personali minn ma' martu ghar-ragunijiet hemm indikati; u permezz ta' digriet moghti fis-6 ta' Gunju 2007, din il-Qorti laqghet it-talba sabiex dawn iz-zewg kawza jinstemghu kontestwalment stante li jittrattaw l-istess meritu;

Rat ir-relazzjoni[3] tal-perit legali, l-Avukat Dottor Mark Chetcuti minnu debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lit-tifla minuri kameralment;

Ikkunsidrat;

[1] Cit.134/05NC – fol.135 *et seq.*
[2] RG 244/07NC
[3] Vol.2 – fol.694 *et seq.*

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, imputabbli lill-istess konvenut;  kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Illi l-konvenut fir-rikors guramentat[4] tieghu wkoll qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma' martu izda ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38,40 u 41 ta' l-imsemmi Kap. imputabbli lil martu, allura konvenuta.

**Separazzjoni Personali**

Jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewgu fil-11 ta' Dicembru 1994 u minn dan iz-zwieg twieldet it-tifla D Mari li llum ghandha circa tmien snin.  Wara konvivenza matrimonjali ta' circa tmien snin il-partijiet isseparaw de facto, u fit-18 ta' Mejju 2004 l-attrici nizjat il-proceduri tal-medjazzjoni.

*Verzjoni attrici*

Illi, in sostanza, il-verzjoni attrici hi fis-sens li l-konvivenza bejn il-partijiet kienet giet reza mpossibbli minhabba komportament abuziv u kontinwu da parti tal-konvenut fil-konfront taghha, li jsib l-origini tieghu fil-problema ta' l-abbuz ta' l-alkohol li kellu zewgha. L-attrici tghid li, sa minn qabel iz-zwieg, il-konvenut kellu l-problema li ta' spiss kien jabbuza mill-alkohol bir-rizultat li dan kien ta' detriment serju ghar-relazzjoni taghhom.  Din il-problema baqghet tissussisti wara z-zwieg bir-rizultat li l-hajja konjugali bejniethom kienet karatterizzata minn dispjaciri u sofferenzi da parti ta' l-attrici ghall-komportament abuziv ta' zewgha, u li kien qed jakkaguna dannu anke lit-tifla taghhom.

L-attrici, inter alia, tghid li l-konvenut kien jinfoq "ammont sostanzjali mill-paga tieghu" fix-xorb alkoholiku, filwaqt li rarament kien jikkontribwixxi ghall-ispejjez tal-hajja bir-rizultat li dawn kienu jithallsu kollha mill-paga taghha. Tghid li rizultat tal-vizzju li kellu l-konvenut, dan kien jgib

[4] RG.244/07NC

ruhu hazin maghha quddiem it-tifla, bi kliem baxx, dagha u tghajjir, u gieghli telaq mid-dar ghal xi zmien minghajr ma jinformaha fejn kien ikun. L-attrici takkuza lill-konvenut li kien jara l-pornografija u "kien jisfurzani jkolli x' naqsam mieghu sesswalment fil-prezenza tat-tifla."[5]

Tghid ukoll li ta' "Spiss kien johrog bit-tifla nhar ta' Sibt waqt li jien inkun xoghol, u jirritorna lura biha f' xi l-hamsa jew is-sitta, fis-sakra."[6]

*Verzjoni tal-konvenut*
Illi l-konvenut jilmenta mill-fatt li l-attrici kienet ossessjonata bit-tindif fid-dar, sa tal-grad, li kienet tirrendi l-hajja tieghu u tat-tifla fid-dar difficli. Huwa jakkuza lil martu li din kienet ikkommettiet adulterju ma' certu Sven, ta' nazzjonalita' germaniza, u li dan kien il-fonti principali tad-dizgwid matrimonjali ta' bejniethom.

Huwa jirrakonta li sena minnhom, kuntrarjament ghal dak li kien isir fil-passat, martu riedet issiefer waheda; u meta giet lura u kienet qed tbattal il-bagalji huwa kien innota hafna underwear provokattiv li xtrat meta kienet msiefra. L-attrici kienet irrakkontatlu li hi kienet iltaqghet ma' dan il-germaniz u li kienu marru disco u bdew jizfnu flimkien, qaltli ukoll li bisitu."[7]

In sostenn tat-tezi tieghu l-konvenut esebixxa ittra miktuba minn martu fis-sens 2003, u ndirizzata li dan Sven, kontenenti diskors romantiku, u li kienet tispicca hekk: "I can't stop thinking of [sic] you. You're the one I want every night. You made me feel so good that night."[8] Huwa qal li mill-ID caller tat-telephone kien induna li martu kienet ghamlet telefonati lejn il-Germanja, u kien proprju wara li kompla bit-tficcija tieghu li fil-komodina tan-naha taghha sab l-imsemmija ittra.

Minn naha taghha l-attrici, fid-deposizzjoni taghha, issostni li r-relazzjoni li kellha ma' din il-persuna kienet

---
[5] Vol.1 - Aff. Fol.32
[6] Ibid
[7] RG.244/07NC – Aff. Fol.26
[8] RG.244/07NC – fol.33

wahda platonika, u tispjega li f’ dak il-lejl indikat fl-ittra “vera hadt pjacir nitkellem mieghu allavolja ma tantx kien jaf bl-ingliz, u hadt gost nizfen mieghu, that’s all.”[9] Hija tispjega li meta kitbet l-ittra “bhala mara kelli l-bzonnijiet tieghi, u kelli x-xewqat tieghi, bhala guvni ma kienx ikrah. Wara li kont nieqsa minn certu affarijiet minn zewgi, ehe xtaqt certu affarijiet minn ragel iehor iva, imma qatt ma gara xejn, bqajt nixtieq.”[10] L-attrici tghid li din l-ittra ma kienitx fil-fatt baghtitha.

Il-konvenut jghid li wara li huwa kien ikkonfronta lil martu bl-ittra hija kienet bdiet traqqad it-tifla fis-sodda maghhom, sabiex timpedixxi lil zewgha milli jaghmel l-att konjugali.

Illi rigward l-allegazzjoni tal-vizzju tax-xorb, il-konvenut[11] jammetti li okkazzjonalment huwa kien jabbuza mill-alkohol u kien ikun fis-sakra, izda ma kellux dipendenza fuq l-alkohol. Huwa jispjega li kien jixrob minhabba “il-pressures tax-xoghol.” izda meta nduna bil-‘flirt’ li kellha martu, il-problema aggravat, peress li hu f’ dak iz-zmien ma riedx jissepara minn ma’ martu sabiex it-tifla tkompli tikber f’ ambjent ta’ familja, u allura, fi kliemu “Nifhem ma kellix triq ohra x’ naghzel hlief li ninghalaq fija nnifsi u nixrob.”[12]

Il-konvenut jghid ukoll li, meta beda jinqala’ l-inkwiet, huwa kien okkazzjonalment jitlaq mid-dar konjugali peress li kien imdejjeq bis-sitwazzjoni li kien fiha, fis-sens li kien imdawwar b’ familjari ta’ martu; fil-fatt oht l-attrici kienet toqghod fil-fond sottostanti, filwaqt li missierha joqghod f’ fond adjacenti, u biex johrog mid-dar kellu bil-fors jghaddi minn quddiem il-bieb ta’ missierha. Kien ihossu that sorveljanza kontinwa.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi, wara ezami rett tal-provi kollha, il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni raggjunta mill-perit legali, li l-kawza principali tal-kollass tal-konvivenza matrimonjali pacifika bejn il-

---

[9] RG.244.07NC – fol.46 - 47
[10] Ibid.
[11] RG.244/07NC Dep. Fol.51 *et seq.*
[12] Ibid, Aff. Fol.27

partijiet kienet il-vizzju tax-xorb alkoholiku da parti tal-konvenut, liema vizzju kien il-kagun ta' komportament abbuziv, ripetut u abitwali, da parti tieghu fil-konfront ta' martu, u li jikkostitwixxi 'sevizzi' fit-termini ta' l-artikolu 40 fuq citat, liema komportament fil-hajja konjugali kien eskala sa tal-grad li kien rrenda difficili l-konvivenza matrimonjali.

Mill-banda l-ohra pero' il-Qorti ma tistax tinjora l-provi ulterjuri mressqa mill-konvenut, li, ghalkemm ma jissodisfawx l-akkuza ta' adulterju promossa minnu fil-konfront ta' martu, izda jikkostitwixxu prova sodisfacenti ta' relazzjoni extra matrimonjali sal-livell ta' hbiberija specjali, jew 'flirt' da parti taghha ma terza persuna. Dan il-komportament ta' martu jikkostitwixxi 'ngurja gravi' fit-termini ta' l-artikolu precitat da parti taghha fil-konfront ta' zewgha, u sekondarjament ikkontribwixxa, ghat-tkissier irreparabbli tal-konvivenza pacifika matrimonjali.

In propositu, l-Qorti thoss opportun li tirrileva li, ghalkemm mill-affidavit tal-konvenut ma jirrizultax iz-zmien li fih l-attrici bdiet din il-hbiberija specjali ma' ragel iehor, izda mid-depozizzjoni tieghu jidher li dan sehh fis-sens 2003, u ghalhekk circa tmien snin wara d-data ta' zwieg. Il-Qorti tosserva ulterjorment li fil-fehema taghha dan il-komportament ta' l-attrici kien konsegwenza tal-fatt li l-hajja konjugali taghha kienet giet reza nfelici mill-komportament abuziv tal-konvenut.

Ferm il-premess, u wkoll tenut kont tal-fatt li ma giex provat l-adulterju, kif ukoll tal-fatt li ma jirrizultax provat li din il-hbiberija fil-fatt tkompliet jew ghada tissussisti [anzi l-provi juri li r-relazzjoni ma tkomplietx stante li l-attrici ma kienitx baghtet l-ittra], il-Qorti hi tal-fehema li l-komportament ta' l-attrici m' ghandux jattira s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 Kap.16; kuntrarjament ghall-komportament tal-konvenut li kien il-kawza principali u diretta tat-tifrik taz-zwieg in kwistjoni, u li ghalhekk ghandu jattira fil-konfront tieghu l-applikazzjoni ta' l-imsemmi artikolu, b' referenza ghall-artikolu 51 ta' l-istess Kap.

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment principalment minnhabba s-sevizzi kommessi mill-konvenut fil-konfront ta’ martu, u, in subsidium, minhabba l-ingurja gravi kommessa minn din ta’ l-ahhar fil-konfront ta’ zewgha.

**Kura u Kustodja**

Illi in propozitu jimpera l-principju li l-interessi tal-minuri jipprevalu fuq dawk tal-genituri; ukoll it-tifla ghandha bzonn il-prezenza, kemm jista’ jkun attiva, taz-zewg genituri, fil-hajja taghha; u ghalhekk fin-nuqqas ta’ provi li juru l-kuntrarju, huwa fl-interess tal-minuri li l-kura u kustodja legali tat-tifla D E tkun fdata f’ idejn iz-zewg genituri konguntivament; izda t-tifla tkun fil-kura effetiva ta’ l-omm, bl-access favur il-missier. Jigi carat li decizjonijiet importanti rigwardanti l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri ghandhom jttiehdu konguntivament miz-zewg partijiet; u, f’ kaz ta’ dizgwid insuperabbli bejniethom, bl-interevent tal-Qorti.

Illi l-access tal-missier ikun regolat bil-mod segwenti: kull nhar ta’ Tlieta mis-2.00pm sat-8.00pm; u fil weekends, gimgha wahda, mill-Gimgha fis-6.30 pm sal-Hadd 10.00 am, u l-gimgha sussegwenti mill-Gimgha fis-6.30pm sas-Sibt 7.00 pm. Il-minuri tingabar mil u tigi ritornata fir-residenza taghha mill-konvenut.

Illi, tenut kont tal-problema li ghandu l-konvenut, il-Qorti tordna li l-access ikun monitored [mhux supervized] ghal perijodu ta’ sitt xhur, minn social worker addetta ma’ l-Agenzija Appogg, a spejjez tal-konvenut, li, wara l-perijodu ta’ tlett xhur, jew anke qabel jekk ikun il-kaz, ghandha tirrapporta lil din il-Qorti b’ nota dwar l-andament ta’ l-access, u taghmel ir-rakkomandazzjonijiet taghha dwar it-talba tal-konvenut li, matul il-vakanzi skolastici, cioe’ fil-Milied, fl-Ghid u fis-Sajf, it-tilfa tqatta’ periodu ta’ gimgha kull darba [b’ kollox tlett gimghat], jew anqas, ma’ missierha; u dan bil-ghan li tkompli tissahhah ir-relazzjoni ta’ bejniethom.

**Manteniment**

Illi permezz ta' digriet moghti mill-Qorti tal-Familja fl-istadju ta' medjazzjoni fis-7 ta' Marzu 2006, l-attrici kienet giet fdata bil-kura u kustojda tat-tifla minuri, filwaqt li l-Qorti ordnat lill-konvenut jhallas lill-attrici manteniment fis-somma ta' Lm150 fix-xahar "ghall-minuri, u nofs l-ispejjez kollha nkorsi mir-rikorrenti fuq il-minuri."[13]

Mill-atti jirrizulta li din id-decizjoni giet bazata fuq dak sostnut mill-attrici fis-sens li l-konvenut, li jahdem bhala projects manager mal-MITTS[14], ghandu paga netta ta' Lm700 fix-xahar, filwaqt li l-attrici li tahdem bhala clerk mal-HSBC ghandha paga netta ta' Lm400 fix-xahar.

Illi fl-affidavit tieghu l-konvenut jghid li dan l-ammont kien jinkludi l-allowances li ghandu, filwaqt li l-paga netta tieghu hija ta' Lm400. Izda in propozitu l-Qorti tirrileva li l-konvenut naqas milli jipprezenta dokumentazzjoni in sostenn tat-tezi tieghu; u dan apparti mill-konsiderazzjoni li huwa ferm improbabbli li persuna li tahdem bhala projects manager fil-qasam ta' l-IT ghandha ntrojtu mensili ta' Lm400 biss kif sottomess mill-konvenut.

Illi inoltre, l-oggezzjoni tieghu ghall-hlas tas-somma ta' LM436 spejjez inkorsi mill-attrici ghall-minuri, mhjiex valida, stante li [1] l-ispejjez jinsabu muniti bir-ricevuti relattivi, u [2] dawn gew in korsi ghall-minuri, u ghalhekk jidhlu perfettament fil-parametri ta' l-imsemmi digriet li jkopri "l-ispejjez kollha nkorsi mill-[attrici] fuq il-minuri." Ghaldaqstant din is-somma hija dovut lill-attrici mill-konvenut.

Ferm il-premess, il-Qorti hija tal-fehema li ghandha tikkonferma d-digriet precedenti; u konsegwentement tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici kull xahar is-somma ta'tlett mija u hamsin Ewro ekwivalenti ghal cirka mija u hamsin lira Maltin [Lm150] bhala l-kontribut tieghu ghall-manteniment tal-minuri, oltre nofs l-ispejjez inkors fl-edukazzjoni u ghas-sahha tal-minuri, inkluzi, mizati, uniformijiet, trasport u spejjez extra kurrikulari, kif ukoll

[13] Vol.1 fol.46
[14] RG.244/07NC fol.54

spejjez ta' medicini, tobba, u sptarijiet, inkluzi wkoll spejjez ta' nuccalijiet u tad-dentist. Il-konvenut ghandu wkoll jhallas lill-attrici l-imsemmija somma ta' Lm436

In fine, tenut kont tal-fatt li l-attrici tahdem bi qligh b' introjtu adegwat, mhux il-kaz li din tinghata manteniment minghand il-konvenut.

**Komunjoni ta' l-akkwisti**

*Id-Dar Matrimonjali – Kreditu Benefikati*
Illi jirrizulta pacifiku li d-dar matrimonjali hija proprjeta' parafernali ta' l-attrici, li nxtrat qabel iz-zwieg u li l-prezz taghha qed jithallas permezz ta' loan mehuda mill-attrici, ukoll qabel iz-zwieg. Jirrizulta wkoll nkontestat li loan baqghet tithallas mill-paga ta' l-attrici, anke wara z-zwieg, u li l-konvenut qatt ma hallas xejn mill-loan; l-attrici tghid li, hlief ghal xi okkazzjonijiet, il-konvenut qatt ma taha flus ghall-hajja, u flusu kien jonfoqhom fix-xorb u jizommhom ghalih.

Illi l-vertenza principali bejn il-partijiet tikkoncerna l-quantum tal-benefikati maghmula mill-konvenut fid-dar matrimonjali. Il-konvenut qed jallega li kemm qabel iz-zwieg, kif ukoll wara z-zwieg, huwa kien ghamel diversi xogholijiet fid-dar matrimonjali, li lista taghhom, flimkien mal-valuri rispettivi huwa annetta[15] ma' l-affidavit tieghu. Il-konvenut jispjega ulterjorment li huwa ma setax jipprezenta evidenza ta' dawn l-ispejjez u xogholijiet inkorsi minnu peress li martu kienet zammet ir-ricevuti kollha ghandha, u ghalhekk ma kienx possibbli ghalih li jipproduci dokumenti in sostenn tat-tezi tieghu.

Minn naha taghha l-attrici ssostni li x-xoghol li kien ghamel zewgha fid-dar matrimonjali kien jikkonsisti fi spejjez ta' kanen ta' l-ilma u affarijiet relatati kif ukoll ta' zebgha, li komplessivament ma jammontawx ghal aktar minn Lm1,000. Rigward l-allegazzjoni tal-konvenut dwar ir-ricevuti ta' l-ispejjez inkorsi minnu, hija tghid, fid-depozizzjoni taghha in subizzjoni, li meta l-konvenut telaq

[15] RG.244/07NC - Fol.32

mid-dar, id-dokumentazzjoni kienet baqghet ghandha izda sussegwentement waqt il-medjazzjoni “gieghluni naghtihomlu lura u fil-fatt taghjthomlu lura. Le, jiena m’ ghandi xejn aktar ghandi”[16] Tkompli tghid: “Receipts tax-xogholijiet li saru minnu ma kienx hemm minhabba li hu per ezempju ghadda kanen, katusi ta’ l-ilma, m’ hemmx ricevuti as such. Tghid ukoll li f’ dawn ix-xogholijiet kien ghenu r-ragel ta’ ohtu.

In propozitu ghal din il-pretensjoni tal-konvenut, il-Qorti tosserva li jimpera l-principju fondamentali fid-dritt li jirregola l-evidenza, li minn jallega fatt ghandu fuqu l-oneru tal-prova ta’ l-istess fatt; u ghalhekk, fil-kaz in disamina, kien jispetta lill-konvenut li jipprova b’ mod sodisfacenti l-kontenut tal-lista tax-xogholijiet u spejjez, annessa ma’ l-affidavit tieghu. Izda l-konvenut ma gab ebda xintilla ta’ prova, ghajr l-allegazzjoni nuda u kruda tieghu, dwar l-ispejjez inkorsi minnu; u dan nonostante li , kif qal hu fil-verbal maghmul minnu fl-udjenza tal-20 ta’ Novembru 2007, “l-unika vertenza li [kienet] ghadha pendenti bejn il-partijiet tirrigwarda l-kreditu allegat ta’ C B ghal beneficji maghmula fid-dar konjugali.”[17]

Il-Qorti tosserva ulterjorment li, anke jekk dato non concesso huwa minnu li r-ricevuti kienet zammithom martu, huwa dejjem kellu l-fakolta’ li jikkorrobora, almenu in parte, permezz ta’ xhieda l-allegazzjonijiet tieghu; wara kollox, fl-imsemmi seduta huwa kien inghata l-fakolta’ li “jingungi x-xhieda kollha ghas-seduta li [kien] imiss”; izda mill-atti ma jirrizultax li kienu hargu ngunzzjonijiet ghas-seduta sussegwenti tat-12 ta’ Dicembru 2007[18] li fiha C B, allura attur, iddikjara li kien ghalaq il-provi tieghu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-kreditu tal-konvenut ghall-benefikati maghmula fid-dar konjugali, jammontaw komplessivament ghas-somma ta’ elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin ewro centezmu [€2,329.37] ekwivalenti ghal elf lira Maltin [Lm1,000].

[16] RG.244/07NC – fol.49
[17] RG.244/07NC – fol.24
[18] Ibid. fol.42

*Effetti Mobbli*

Illi in sostanza l-Qorti taqbel f' dan ir-rigward mal-konkluzjoni tal-perit tekniku salv da li ser jinghad. Il-Qorti taghmel referenza ghall-prospett[19] ta' qasma prezentat mill-attrici a fol.99 tal-process, kif ukoll ghall-prospett prezentat mill-konvenut a fol.32[20], u taqbel mall-konsiderazzjoni tal-konvenut li whud mill-affarijiet indikati that ismu, kienu nxtraw ghal dik id-dar fl-ambjent u l-ispazju li hemm, u li hija gustifikata t-talba tieghu sabiex jiehu l-valuri ta' dawn l-oggetti, hlief il-computers u affarijiet relatati, kif ukoll il-ktoba konnessi max-xoghol tiehgu. Fid-dawl ta' din il-konsiderazzjoni il-Qorti tordna li l-computers, monitors, printers, scanners, kotba, u anke l-iscout staff tal-valur komplessiv ta' [circa] tlettax-il elf sebgha mija u tlieta u erbghin Ewro u tletin ewro centezmu [€13,743.30] ekwivalenti ghal hamest elef u disa' mitt lira Maltin [Lm5900] jigu assenjati lill-konvenut; b' hekk l-attrici ghandha taghti lill-istess konvenut is-somma ta'tlett elef, disa' mija u tmienja u sebghin Ewro [€3978] ekwivalenti ghal elf, seba' mija u sebgha liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu [Lm1,707.75][21]

Jigi osservat li mill-provi ma jirrizultax li l-imsemmija oggetti m'humiex fi stat funzjonabbli, u ghalhekk din il-Qorti ghandha tikkonkludi li dawn l-oggeti jiffunzjonaw tajjeb, u ghandhom jigu konsenjati f' dan l-istat.

Illi c-curkett ta' gherusija ghandu jigi ritornat mill-attrici lill-konvenut; u fin-nuqqas, l-attrici ghandha taghti lill-konvenut is-somma ta' elf erba' mija u erbgha u erbghin Ewro u wiehed u ghoxrin ewro centezmu [€1,444.21] ekwivalenti ghal sitt mija u ghoxrin liri Maltin [Lm620] rapprezentanti l-valur ta' l-istess.

*Vetturi*

Illi konformament ma' dak li  qabblu l-partijiet, l-attrici ghandha zzomm ir-Renault Clio DBJ196 u tkun responsabbli ghall-bilanc tad-dejn gravanti l-istess vettura;

---

[19] Dok.CP32

[20] RG.244/07NC

[21] [Lm7,171 + Lm436.75] – Lm5,900 = Lm1,707.75

filwaqt li l-konvenut izomm il-vettura Daewoo Racer BAR 965, bid-dejn li talvolta jista' jezisti fuqha.

*Poloz ta' l-Assikurazzjoni*

Illi, il-poloz tas-sigurta', ghandhom jibqghu fuq il-partijiet rispettivi, kif indikat mill-perit legali, b' mod li l-ebda parti ma ghandha pretenzjoni fuq l-ohra, f' dan ir-rigward. L-attrici hi ordnata li tikkonsenja lill-konvenut id-dokumentazzjoni kollha relattivi ghall-poloz li hemm fuq ismu.

Il-Qorti taqbel ukoll li l-polza 56611 f' isem bint il-kontendenti li taghlaq fis-sena 2025, ghandha tinzamm miftuha mill-kontendenti, u fil-kaz li wiehed minnhom ma jixtieqx ikompli jhallas il-premiums, il-polza ghandha tigi ceduta u r-rikavat depozitat f' kont bankarju f' isem it-tifla biex tippercepih meta taghlaq it-18-il sena.

*Investiment barrani*

Illi Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali li l-konvenut ghandu jghati lill-attrici s-somma ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin ewro centezmu [€2,329.37] ekwivalenti ghal elf lira Maltin [Lm1,000] rizultat ta' investiment ta' $5520 li sar waqt iz-zwieg. Ghalkemm il-konvenut isemmi li l-valur attwali huwa ta' $875, huwa ma gab ebda prova in sostenn.[22]

*Kontijiet Bankarji, titoli u Ishma*

Illi in propositu l-Qorti qed taddotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet u konkluzzjonijiet raggjunti mill-perit legali, kontenuti fil-pagna ghaxra [10] tar-relazzjoni tieghu a fol.704 li kopja taghha qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern [Appendici A] biex tifforma parti ntegrali mill-istess.

Konformament l-attrici ghandha taghti lill-konvenut is-somma ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin ewro centezmu [€2,329.37] ekwivalenti ghal elf lira Maltin [Lm1,000] mill-kont 132 162 88053.

[22] Ghalkemm fl-affidavit tieghu jghid li huwa annetta dokument ta' Lulju 2004, il-konvenut ma annetta u ma produca ebda dokument.

Illi l-bonds tal-Corinthia u Dolment f' isem binthom D E, ghandhom jibqghu f' isem il-minuri.

*Djun – Taxxi Interni*
Illi d-dejn li hemm pendenti mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni sad-data tal-gudizzju odjern, ghandu jigi sopportat miz-zewg partijiet fi kwoti wgwali, stante li huwa piz tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

*Penali*
Illi f' dan il-kaz il-Qorti thoss li l-mod kif ipproceda l-konvenut, holoq dewmien inutili fil-proceduri, u xoghol zejjed lil din il-Qorti meta ddecieda li fl-istadju ahhari tal-kawza, huwa jipprezenta rikors guramentat fl-ismijiet inversi proprju fuq l-istess meritu, bir-rizultat li rrenda nopportun li l-kaz ta' l-attrici ma setghax jinqata' qabel ma l-Qorti tikkonkludi l-provi dwar il-kawza prezentata minnu. Barra minnhekk huwa dghajjef l-utilita' u l-vantagg li din il-Qorti kellha bir-rapport tal-perit legali, li tidditermina l-kaz bejn il-partijiet b' certu speditezza.

Illi ghall-ahjar intendiment ta' din il-parti tal-gudizzju, hija opportuna l-espozizzjoni tas-segwenti fatti:

Permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru 2006 giet michuda t-talba tal-konvenut sabiex jippurga l-kontumacja tieghu;  u fit-12 ta' Dicembru 2006 l-attrici ddikjarat permezz ta' nota li hi kienet ghalqet il-provi taghha quddiem il-perit legali.  Fis-19 ta' Jannar 2007 il-perit legali pprezenta r-rapport tieghu.  Fl-udjenza tat-3 ta' Mejju 2007, il-kawza thalliet sabiex il-konvenut permezz ta' nota jiddikjara l-pozizzjoni tieghu dwar ir-rapport tal-perit legali, u ghall-eventwali prezentata tan-noti ta' l-osservazzjonijiet; izda fl-4 ta' Gunju 2007, [u ghalhekk sitt xhur wara l-isemmija decizjoni dwar il-kontimacja tieghu] minflok ma prezenta nota, il-konvenut  ipprezenta kawza gdida fuq l-istess meritu bl-ismijiet inversi.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar t-talbiet ta' l-attrici billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet

imputabbli, principalment lill-konvenut, u sekondarjament lill-attrici;
[2] tilqa' t-tieni talba limitatament kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Kura u Kustodja";
[3] tilqa' t-tielet talba limitatament kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Manteniment" u tichadha ghall-kumplament;
[4] tilqa' ir-raba u t-tmien talba fit-termini taghhom;
[5] tilqa' il-hames u s-sitt talba, u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni taghha kif fuq stabbilit that is-sezzjoni ntestata "Komunjoni ta' l-Akkwisti"
[6] tilqa' is-seba' talba fit-termini taghha;
[7] tilqa' id-disa' talba u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubita, 'Mangion'

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament bejn il-partijiet, in kwantu ghal zewg terzi [2/3] mill-konvenut, filwaqt li r-rimanenti terz [1/3] jibqa' a kariku ta' l-attrici.

Inoltre b' applikazzjoni tal-para.10 Skeda A Kap.12 tordna li l-konvenut jhallas is-somma ta' erbgha mija u hamsa u sittin Ewro u sebgha u tmenin ewro centezmi [€465.87] spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti fi zmien 30 gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------